**5 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Louis Azzopardi *noe*

*versus*

Edward *sive* Teddy Borg

**Nullità ta' Sentenza – Mankanza ta' Deposizzjoni ta' Xhud fil-Proċess**

*Meta sentenza tiġi bbażata fuq deposizzjoni li ma tinsabx fil-proċess, is-sentenza għandha tiġi kkunsidrata bħala irrita u nulla.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* ppreżentata fil-

Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' mija sitta u sebgħin lira Maltija erba' u sittin ċenteżmu (Lm176.64,0) prezz ta' *premium* ta' polza ta' assikurazzjoni maħruġa mill-attur *nomine* fuq rikjesta tal-konvenut skond il-kont *unit* Dok. A, u peress illi l-konvenut għalkemm interpellat naqas iħallas l-ammont minnu dovut; talab li l-konvenut jiġi kkundannat minn dik il-Qorti jħallas lill-attur is-somma ta' mija sitta u sebgħin lira Maltija erba' u sittin ċenteżmu (Lm176.64,0) dovuta kif fuq ingħad; – bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Awissu, 1982 u bl-imgħax legali mid-data ta' l-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut illi hu m'għandu ebda relazzjoni ma' l-attur *nomine*, la għandu polza maħruġa minnu, la għandu jagħti l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni u l-anqas ammonti oħra; – salv jekk ikun il-każ eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju, 1984, li biha dik il-Qorti, fil-waqt li rrespingiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat għalhekk lill-konvenut iħallas l-ammont minnu dovut ta' mija sitta u sebgħin lira Maltija u erba' u sittin ċenteżmu (Lm176.64) oltre l-ispejjeż u imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni u spejjeż tal-kawża wara li kkunsidrat:

Li l-attur *nomine* ma jinsab kontradett minn ħadd li wara illi l-konvenut Borg xtara l-*Yacht "Beach Comber"* mingħand l-assikurat tagħhom Emanuel Rapa, l-istess konvenut mar għandhom biex idawwar il-polza fuq ismu salv li kellhom isiru xi verifiki ulterjuri minħabba xi alterazzjonijiet ta' l-istess polza.

Il-kondizzjonijiet ġodda ġew aċċettati mill-konvenut u dan baqa' miegħu li kellu jħallas l-ammont dovut. Lill-konvenut kienu jintbagħtulu *"statements"* biex iħallas iżda ma għamel xejn, anzi f'Novembru, ta' l-istess sena, jiġifieri 1981, mar l-uffiċċju tal-kumpanija attriċi fuq *"Claim"* – **indizju ċar u inekwivoku li huwa kien qiegħed jgħodd u jqis ruħu bħala assikurat.** Għalhekk l-ammont mitlub mill-attur *nomine* skond *invoice* – Dok. A – a fol. 4 – bin-numru 20533 ddatata 21 ta' Lulju, 1981, fl-ammont ta' Lm176.64, tidher ġustifikata u attendibbli;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fid-29 ta' Ġunju, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fis-16 ta' Lulju, 1984, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza tat-22 ta' Ġunju, 1984, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tilqa' dan l-appell u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine* appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Louis Azzopardi *nomine* ppreżentata fl-20 ta' Awissu, 1984;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti fl-ewwel lok illi quddiem l-ewwel Qorti huwa kien talab is-sospensjoni tal-

prolazzjoni tas-sentenza peress li xtaq li jkollu l-opportunità li jagħti x-xiehda tiegħu iżda dik il-Qorti kienet ċaħdet it-talba tiegħu. Apparti li l-konvenut appellant ma għamel ebda appell mid-digriet li ngħata fis-17 ta' Mejju, 1984 fuq l-imsemmija talba tiegħu jew ma pprova jimpunja b'xi mod dak id-digriet, jidher mill-proċess li l-ewwel Qorti kienet ġustifikata li tiċħad l-istess talba. Infatti, kif jidher mill-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Frar, 1984, dak in-nhar il-kawża tħalliet għall-14 ta' Mejju, 1984 "għall-provi kollha li fadal u fin-nuqqas għas-sentenza". Fis-seduta ta' l-14 ta' Mejju, 1984, kif jidher mill-verbal relattiv, deher id-difensur ta' l-attur kif ukoll l-istess attur li xehed. Il-konvenut għalkemm imsejjaħ diversi drabi ma deherx. Jiġifieri l-konvenut għalkemm skond il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Frar, 1984 il-kawża kienet tħalliet għall-provi kollha li fadal, naqas li jidher hu jew itella' l-provi tiegħu. L-ewwel Qorti għalhekk kienet ġustifikata li tħalli l-kawża għas-sentenza kif *del resto* kienet qalet fis-seduta ta' l-24 ta' Frar, 1984 li se tagħmel fin-nuqqas ta' produzzjoni ta' provi, u kienet ġustifikata wkoll li tiċħad it-talba għas-sospensjoni tas-sentenza. Il-konvenut kien ġie mogħti l-opportunità li jtella' l-provi tiegħu fis-seduta ta' l-14 ta' Mejju, 1984 iżda kien naqas li jagħmel dan u kwindi ma jistax jilmenta;

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti wkoll li l-ewwel Qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza għalkemm id-deposizzjoni ta' l-attur Louis Azzopardi ma kinitx tinstab (kif lanqas tinstab sallum) fil-proċess. Dan in-nuqqas, skond hu, iwassal għan-nullità tas-sentenza appellata u in sostenn ta' din is-sottomissjoni tiegħu ċċita s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Anthony Muscat Baron *proprio et nomine vs* Frank Pulis" mogħtija fit-12 ta' Mejju, 1986;

Minn eżami ta' din is-sentenza jidher li l-ewwel Qorti f'dik il-kawża bbażat ruħha fuq id-deposizzjoni tal-konvenut li ma kinitx fil-proċess u kienet din iċ-ċirkostanza partikolari li wasslet lil din il-Qorti li tirritjeni li s-sentenza appellata kienet irrita u n u l l a ;

Fil-każ preżenti fis-sentenza appellata jingħad espressament hekk: "Ikkunsidrat li l-attur *nomine* ma jinsab kontradett minn ħadd li wara illi l-konvenut Borg xtara l-*Yacht "Beach Comber"* mingħand l-assikurat tagħhom Emanuel Rapa, l-istess konvenut mar għandhom biex **idawwar** il-polza fuq ismu salv li kellhom isiru xi verifiki ulterjuri minħabba xi alterazzjonijiet ta' l-istess polza";

Il-kliem "l-attur ma jinsab kontradett minn ħadd', fuq iċċitati jagħtu lill-Qorti x'tifhem li l-ewwel Qorti kienet qiegħda tieħu in konsiderazzjoni dak li xehed l-attur *nomine* tant li qalet li ma jinsab kontradett minn ħadd. Kieku l-ewwel Qorti kienet qiegħda tirriferixxi f'din il-parti tas-sentenza tagħha għad-deposizzjoni ta' John Vassallo, impjegat ta' l-attur *nomine*, wieħed għandu jissupponi li kienet tesprimi ruħha b'mod ieħor billi tgħid, per eżempju, – "ix-xhud ta' l-attur *nomine* jinsab kontradett minn ħadd". Dan apparti li dak li xehed John Vassallo ma jaqbilx preċiż ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fuq iċċitata, li l-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti kienet qiegħda tattribwixxi lill-attur, billi Vassallo jgħid li meta Rapa u l-konvenut marru biex il-polza tinqabel fuq isem il-konvenut, dana talab alterazzjonijiet fil-polza li ġew aċċettati mix-xhud li għalihom tħallas *premium* addizzjonali ta' Lm40,41,0. Kien biss fl-okkażjoni tar-renova tal-polza li l-istess xhud qal li kkomunika lill-konvenut kondizzjonijiet li kien irċieva mingħand l-*underwriters* fit-22 ta' Ġunju, 1981, u fuq rikjesta tal-konvenut

talab b'*telex* spjegazzjonijiet tagħhom li in segwitu kkomunika lill-konvenut li aċċettahom – qallu biex imexxi bl-assikurazzjoni u jibgħatlu l-kont;

Jidher għalhekk li l-ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjoni tagħha bbażat ruħha fuq deposizzjoni li ma kinitx fil-proċess u għalhekk f'dawk iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tistax ħlief li ssegwi l-ġurisprudenza ċċitata u tikkunsidra d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti bħala irrita u nulla;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi illi s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-22 ta' Ġunju, 1984 hija irrita u nulla u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell fiċ-ċirkostanzi għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza fiċ-ċirkostanzi wkoll għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.